MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Numru. 351/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Josef (Joseph) Sharfid**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Josef (Joseph) Sharfid**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Mohammed u Maria Dolores neé Mangion, twieled 09 ta' Awissu 1975, Pietà, residenti bla indirizz fiss, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija 392375 (M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Marzu 2012 ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11.00 am) fir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 524 Paul Cassar u PC 1148 Adrian Zahra persuni inkargati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt

li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hinijiet, u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1148 Adian Zahra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 524 Paul Cassar u PC 1148 Adrian Zahra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-Korp tal-Pulizija numru ta' registrazzjoni GVP 592 ta' l-ghamla Ford ghad dannu ta' tal- Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta liema hsara tiskorri € 116.47 (Lm 50) izda mhux aktar minn € 1, 164.69 (Lm 500);

5. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni ABF 875, ta' ghamla Kia, b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, u (c) bla kont;

6. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom;

Il-Prosekuzzjoni titlob l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li titratta mal-akkuzat bhala recediv.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 55) datata 27 ta' Gunju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 91, 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. fl-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 338(dd) u 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikoli 15 u 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 139), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 55), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 147 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 31 *et seq.*) rigward dak li kien irrapurtalu PS 1030 Clinton Theuma fir-rigward tal-arrest tal-imputat li kien mfittex mill-iSpettur Joseph Mercieca. Jghid li meta kien ser jiehu stqarrija tal-imputat, u wara li l-imputat kien lehaq kellem lill-konsulent legali tieghu, l-imputat waqa' *sick* minhabba li jaghmel uzu ta' droga u b'hekk ma setghax jehodlu l-istqarrija dakinhar pero din ittiehditlu l-ghada.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 52) fejn ezebixxa *CCTV footage* tal-Bank of Valletta, Balluta kif gie mitlub jaghmel mid-difiza, liema *footage* gie mmarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 83).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** rega’ ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2012 (*a fol.* 85) fejn ezebixxa tlett sentenzi li gew immarkati minn Dok. “TM 1” sa “TM 3” (*a fol.* 86 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ April 2012, xehed ukoll **PS 524 Paul Cassar** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn qal li fit-30 ta’ Marzu 2012 ghall-habta tal-11.30am kien *patrol* f’tas-Sliema flimkien ma’ PC 1148 Adrian Zahra. Jghid li waqt li kienu ghaddejjin fil-*main road* ra vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABF 875 Kia Mentor ta’ kulur ahmar tinstaq mill-imputat. Jispjega li l-imputat kien *wanted* minhabba ksur ta’ *bail conditions*. Jghid li hekk kif l-imputat rahom, kiser ghal go triq fuq ix-xellug tieghu (tal-imputat) u li kif kisru huma wkoll, l-imputat sparixxa. Jghid li l-imputat ghadda *gas down* mit-triq u f’hin minnhom intraccawh u l-imputat kellu jieqaf minhabba li kien hemm it-traffiku. Jghid li l-kollega tieghu hareg minn gol-vettura u mar ikellem lill-imputat minn naha tal-passiggier u kif ghamel hekk, it-traffiku mexa, u l-imputat saq ukoll u hu (l-imputat) spicca ghadda minn fuq sieq il-kollega tieghu bil-vettura tieghu. Jghid li baqghu isegwu lill-imputat u rnexxielhom iwaqqfuh peress li kollega tieghu kien qed isuq bil-vettura tieghu. Jghid li gew vettura ma’ vettura u l-imputat prova johrog, ghamel il-hsara fuq il-vettura taghhom u wegga’ naqra rkopptejh. Jghid li l-imputat irnexxielu jahrab pero l-kollega tieghu qabdu ftit ‘il quddiem mill-BOV. Jghid li l-imputat irrezista l-arrest u kellhom juzaw anke it-*taser* biex jikkalmawh.

In <u>kontro-ezami</u> gie mistoqsi jghid jekk meta l-imputat rifes lill-Pulizija, il-Pulizija regax dahal isuq, wiegeb fl-affermattiv u ighid ukoll li rega’ gera warajh. Jghid li l-kollega tieghu kien libes iz-zarbun tas-servizz.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ April 2012, xehed ukoll **PC 1148 Adrian Zahra** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien flimkien ma’ PS 524. Xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 524. Jghid li f’hin minnhom l-imputat rifislu l-pala ta’ saqajh tal-lemin bil-vettura tieghu. Jghid ukoll li kien hu (PC 1148) li rnexxielu jaqbad lill-imputat meta hareg mill-vettura tieghu u hareg jigri. Jghid li mar l-iSptar Mater Dei u ttiehdlu *x-ray* u MRI minn liema rrizulta li ma kellux ksur. Ikkonferma c-certifikat mmarkat bhala Dok. “TM 2” (*a fol.* 10).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta mar ikellem lill-imputat, qabel rifsu, mar min naha tal-passiggier. Jikkonferma li gera wara l-imputat u qabdu.

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ April 2012, xehed ukoll **PC 1483 Patrick Delia** (*a fol.* 38) fejn qal li kien huwa li hadem bhala *sprayer* fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GVP 592 in segwitu tal-incident li gara fit-30 ta’ Marzu 2012. Ezebixxa stima li tammonta ghal € 594, liema stima giet immarkata bhala Dok. “PD 1” (*a fol.* 39).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, xehed **PS 1030 Clint Theuma** (*a fol.* 44 *et seq.*) rigward ir-rapport u l-iskizz redatti minnu li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "CT 1" u "CT 2" (*a fol.* 46 *et seq.*). Jghid li meta acceda fuq il-post fejn kien hemm l-imputat, l-imputat kien diga mmanettjat bil-Pulizija tal-*mobile* hdejh. Jghid li fir-rapport tieghu kiteb dak li qalulu l-Pulizija.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed **Dr. Jeffrey Bonnici** (*a fol.* 57) rigward ic-certifikat mediku rilaxxat minnu, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 59). Ikklasifika l-griehi sofferti minn Adrian Zahra bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 60) rigward l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti sabiex johrog l-istills minn gos-CD ezebita mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012. Ezebixxa r-rapport tieghu bhala Dok. "SFS 1" (*a fol.* 62 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xehdet **Dr. Maria Axiaq** (*a fol.* 144) fejn qalet li hija *consultant psychiatrist in charge* mill-*Forensic Unit* fejn jinsab l-imputat. Tghid li ilha taf lill-imputat ghal dawn l-ahhar tliet snin pero fil-kariga taghha, li hadet minn Novembru 2013, l-imputat jinsab taht il-kura taghha. Tghid li l-imputat ibaghti minn kundizzjoni li tissejjah *impulse control disorder* cioé kundizzjoni li meta jkun hazin, meta jirrilapsja, ikollu problema li ma jahsibhomx. Tghid li l-imputat ghandu wkoll problema ta' dipendenza fuq id-droga. Tispjega li l-imputat ilu pazjent fil-*forensic unit* sa minn Settembru 2012 u li minn dakinhar sallum dejjem segwa l-*correctional care plan* u l-*psychiatric care plan* li jaghmlulu. Tispjega li fid-diversi drabi li hadulu l-urina ghas-sustanza illecti dejjem kienet negattiva u l-imgieba tieghu kienet dejjem ezemplari. Tghid li l-imputat jinsab fis-sezzjoni tal-pazjenti li huma fdati u ghandhom privileggi massimi li jistghu jaghtuhom fis-sistema korrettiva tal-*Forensic Unit*. Tghid li l-imputat jiehu l-medicina preskritta fir-rigward tal-kundizzjoni *impulse control disorder*. Tghid li mill-ewwel darba li rat lill-imputat sallum rat kambjament enormi fih.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-isqarrija (Dok. "TM 3" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija nghatat wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABF 875 hija tieghu. Mistoqsi jghid x'gara, ighid li kien qieghed isuq tas-Sliema, mar Pulizija li hareg minn vettura tal-Pulizija, beda jigri lejh b'*taser* f'idu, x'hin ra hekk, beza' u saq, il-Pulizija rega' dahal fil-vettura u bdew jigru warajh bis-sirena mixghula. Jghid li beda jsuq bil-*first* u jieqaf. Jghid li kien konfuz ghax beda jibza'. Jghid li f'hin minnhom, il-Pulizija rassewh bil-vettura taghha u beda jghid li l-Pulizija kienu ser joqtluh bis-swat, u beda jinqala' bis-sahha u ghamel il-forza u pprova jitlaq jigri. Jghid li qabdu Pulizija u sabtu mal-art, ghamillu rkobtejh max-xewka ta' daru, mar Pulizija iehor u ghamillu l-qiegh taz-zarbun ma' rasu. Jghid li beda jaqta'

nifsu. Mistoqsi jghid jekk jafx li kien rifes Pulizija bil-vettura tieghu x'hin ipprova jahrab, jghid li ma jafx u li anqas ghamel biex jirfsu. Jghid li dak li ghamel ghamlu biex ma jigix imwegga' bit-*taser*. Jghid li huwa harab meta l-Pulizija marru bit-*taser*. Mistoqsi jghid jekk riedx jghidx xi haga ohra, ighid: *"Li rrid nzid hu li jien ippruvajt nahrab mill-Pulizija bl-istess biza' li qabditni minnhom ghax kien aggressiv fuqi. Il-bqija jien la ghamilt biex inwegga' lil xi hadd u lanqas ser naghmel li nipprova nwegga' lil xi hadd. Jiddispjacini ghal dak kollu li gara"* (*a fol.* 12).

## Ikkunsidrat

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.
3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta b'mod car is-segwenti:

- PS 524 Paul Cassar (*a fol.* 33 *et seq.*) spjega kif bdew isegwu lill-imputat u li l-imputat kellu jieqaf minhabba t-traffiku u li meta l-kollega tieghu mar ikellem lill-imputat, l-imputat saq bil-konsegwenza li ghadda bil-vettura tieghu minn fuq sieq il-kollega tieghu. Jispjega kif, f'hin minnhom, gew vettura ma' vettura mal-imputat u l-imputat ipprova johrog, u spicca ghamel il-hsara fuq il-vettura taghhom u sahansitra wegga' naqra rkopptejh. Jghid li l-imputat irnexxielu jahrab pero gie maqbud. Jispjega kif l-imputat irrezista l-arrest u li kellu jintuza t-*taser* biex jigi kalmat.

- PC 1148 Adrian Zahra (*a fol.* 35 *et seq.*) xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 524, li kien mieghu. Jispjega kif l-imputat rifislu l-pala ta' saqajh tal-lemin bil-

vettura tieghu. Jixhed li minkejja li l-imputat hareg mill-vettura u harab jigri, huwa xorta irnexxielu jaqbdu.

- *Da parte* tieghu, l-imputat, fl-isqarrija (Dok. "TM 3" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata minnu, liema stqarrija nghatat wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat qal li Pulizija hareg minn vettura tal-Pulizija u beda jigri lejh b'*taser* f'idu u x'hin ra hekk, beza' u saq bil-Pulizija jigru warajh bis-sirena mixghula. Jghid li huwa harab meta l-Pulizija marru bit-*taser*.

Illi, minn ezami akkurat ta' dak li nghad fir-rigward ta' x'inhuma l-elementi li jsawru r-reati taht Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u mehud in konsiderazzjoni dak li gie mismugh tul is-smiegh tal-provi f'din il-kawza u dak li gie kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti, filwaqt li ma jirrizultalhiex li l-elementi kostitutivi ta' Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 gew pruvati, mhux l-isess jista' jinghad fir-rigward tal-elementi essenzjali ta' Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mid-depozizzjonijiet moghtija mill-Ufficjali tal-Pulizija, liema depozizzjonijiet ghandhom jitwemmnu. Fl-istess mod, il-Qorti ma jibqalghha l-ebda dubju li l-elementi li jsawru r-reat kontemplat taht Artikolu 96(a) gew sodisfacentement pruvati. B'hekk il-Qorti, filwaqt li mhijiex ser issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, minn liema imputazzjoni huwa ser jigi liberat, ser issib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li f'hin minnhom l-imputat rifes il-pala ta' sieq il-leminija ta' PC 1148 Adrian Zahra bil-vettura li kien qed isuq. Minkejja li jirrizulta li PC 1148 spicca gera wara l-imputat wara li gara dan u qabdu, jirrizulta wkoll li PC 1148 kien libes iz-zarbun tas-servizz. Apparti dan, Dr. Jeffrey Bonnici (*a fol.* 57 *et seq.*) ikkonferma c-certifikat mediku (Dok. "TM 2" – *a fol.* 10) rilaxxat minnu, minn liema jirrizulta li huwa kklasifika l-griehi sofferti minn PC 1148 f'siequ l-leminija bhala hfief salv komplikazzjonijiet. B'hekk mhemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li kkaguna hsara f'vettura tal-Pulizija. PS 524 Paul Cassar (*a fol.* 33 *et seq.*) jispjega li fil-mument li gew vettura ma' vettura mal-imputat, l-imputat prova johrog u ghamel il-hsara fuq il-vettura taghhom u wegga' naqra rkopptejh. *Da parte* tieghu, PC 1148 Adrian Zahra (*a fol.* 35) spjega kif l-imputat beda jaghti bil-bieba tax-xufier ghal fuq il-bieba tan-naha taghhom tal-passiggier biex jipprova johrog. Apparti minn dan, PC 1483 Patrick Delia (*a fol.* 38) xehed li, in segwitu tal-akkadut mertu tal-proceduri odjerni, huwa hadem bhala *sprayer* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVP 592. Huwa kkonferma l-istima (Dok. "PD 1" – *a fol.* 39) li

tammonta ghal € 594. M'hemmx dubju ghalhekk li r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**

**(Artikoli 15 u 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]
>
> U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:
>
> "... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *'degree'* (App. Krim. **Pul. vs Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs Hardingham**, 19.10.1963).

> Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *'recklessness'* (App. Krim. **Pul. vs Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). *'Recklessness'* giet definita bhala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. **Pul. vs Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])".

Illi kienu biss zewg xhieda, cioé PS 524 Paul Caruana u PC 1148 Adrian Zahra, li raw il-mod li kien qed isuq bih l-imputat il-vettura tieghu. Fid-depozizzjoni tieghu PS 524 Paul Cassar (*a fol.* 33 *et seq.*) jispjega x'gara dakinhar tat-30 ta' Marzu 2012 u fir-rigward tas-sewqan tal-imputat ighid li l-imputat ghadda *gas down* mit-triq. Da parte tieghu, meta PC 1148 Adrian Zahra (*a fol.* 35 *et seq.*) beda jispjega l-insegwiment taghhom tal-imputat jispjega li f'hin minnhom l-imputat dahal go triq laterali u jixhed: *"dahal rih go fiha tant li tlifnieh"* (*a fol.* 35).

Illi mehud in konsiderazzjoni dak li tirrikjedi l-gurisprudenza kwotata hawn fuq biex tinsab htija fl-imputat fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tenut kont tal-fatt ta' dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija rigward is-sewqan tal-imputat, minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar il-mod kif kien qed isuq bih l-imputat, u dana tenut kont li huwa kien qed jahrab lill-ufficjali tal-Pulizija li bdew isegwuh, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Minn dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Sitt (6) u s-Seba' (7) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi, fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, cioé dik li tirrigwarda ksur tal-bon ordni u tal-kwiet pubbliku, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan gie pruvat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li din temergi minn Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju (*a fol.* 55), l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikolu 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li Artikolu 388 tal-Kapitolu 9 ma jinqasam fl-ebda sub-artikolu u ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 388(ee) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta kwotat mill-Avukat General ma jsibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Jidher li l-Avukat Generali ried jindika Artikolu 338(ee) u mhux Artikolu 388(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti, madanakollu, hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-nota ta' rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. *Oltre* dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika l-artikolu t-tajjeb taht Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat *stante* li din ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju.

**Recidiv**

**(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv. L-Avukat Generali huwa tal-fehma li l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv taht Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet tlitt sentenzi moghtija fil-konfront ta' Josef Sharfid. Dawn is-sentenzi gew immarkati minn Dok. "TM 1" sa Dok. "TM 3" (*a fol.* 86 *et seq.*, *a fol.* 95 *et seq.*, u *a fol.* 99 *et seq.*). Il-Qorti tinnota s-segwenti:

- fir-rigward tas-sentenzi mmarkati bhala Dok. "TM 1" (*a fol.* 86 *et seq.*) u Dok. "TM 3" (*a fol.* 99 *et seq.*), *stante* li tali sentenzi ma jikkontenjux il-konnotati tal-imputat fil-konfront ta' liema nghataw is-sentenzi u *stante* li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq xhieda rigward l-identifikazzjoni tal-imputat, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra tali sentenzi bhala li jippruvaw li l-imputat fil-konfront ta' liema nghataw is-sentenzi huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna;

- fir-rigward tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "TM 2" (*a fol.* 95 *et seq.*), il-Qorti tinnota li minkejja li l-konnotati hemm indikati tal-wiehed mill-persuni li fil-konfront taghhom inghatat is-sentenza huma identici ghal dawk tal-

imputat fil-kawza odjerna, jirrizulta li din is-sentenza hija semplici fotokopja tas-sentenza u li minkejja li fuqha hemm timbru li jghid li hija "Vera Kopja Fotostatika ta l-Original" pero din baqghetx ma gietx iffirmata bhala tali u b'hekk il-Qorti mhijiex ser tiehu tali sentenza in konsiderazzjoni.

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex ser titratta mal-imputat bhala recidiv.

**Artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ndikat biss fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali (*a fol.* 55)**:

Illi dan l-Artikolu jaqra hekk:

> "Kull min bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tliet snin".

Illi dak li jistipula Artikolu 91 ma jirrizulta minn imkien ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minn kwalunkwe htija taht dan l-Artikolu.

## Ikkunsidrat

Illi huma biss is-segwenti imputazzjonijiet li gew pruvati: l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), u s-sitt (6) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat[1] (li hija wahda kulurita u voluminuza), in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, u dak li xehdet Dr. Maria Axiaq fir-rigward tal-imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi terminu ta'

[1] Dok. "TM 6" (*a fol.* 14 *et seq.*).

prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat sabiex ihallas lura lis-socjeta′ ghall-ghemil tieghu u sabiex possibbilment ipoggi hajtu fit-triq it-tajba darba ghal dejjem.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba′ (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b′hekk tilliberah minnhom u, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-27 ta′ Gunju 2012 b′mod partikolari Artikoli 96(a), 214, 221(1), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ssib lill-imputat Josef (Joseph) Sharfid hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba′ (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta′ tnax (12) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja li huwa jkollu bzonn jiehu fir-rigward ta’ sahhtu u sabiex jiskonta l-piena ta’ prigunerija fit-taqsima forensika tal-Isptar Monte Carmeli.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu licenzja tas-sewqan *stante* li l-hames (5) imputazzjoni ma gietx pruvata.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco f’dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta’ mitejn u sitta u sebghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€ 276.92) fi zmien tlett xhur millum[2].

Finalment, b’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ PS 524 Paul Cassar u PC 1148 Adrian Zahra ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma’ din is-sentenza.

---

[2] *a fol.* 68 *tergo.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------